

21990A0315(02)

L 68/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.3.1990

FTEHIM**fforma ta' skambju t'ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti li għandu x'jaqsam mat-“Testausschreibung”***A. Ittra mill-Komunità*

Brussel, 18 ta' Diċembru 1989

Sinjur,

Mill-bidu ta' l-1980, skema ġdida ta' l-importazzjoni mmirata għal-liberazzjoni sussegwenti (“*Testausschreibung*”) ġiet introdotta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tkopri kważi nofs il-prodotti industrijali li għadhom suġġetti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi (barra minn prodotti tad-drapp u ta' l-azzar). Din l-iskema ttipprovdi bażi sperimentali u temporanja għall-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni 'l fuq u lil hemm mil-limiti stabbiliti bil-kwoti.

It-“*Testausschreibung*” hu intiż biex jippermetti stima, matul is-snin li ġejjin, tas-setturi li tagħhom jistgħu jitneħħew ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti industrijali. Matul l-eżami tar-riżultati tat-“*Testausschreibung*”, l-importanza partikolari li l-USSR taqqgħad mat-tkabbir ta' relazzjonijiet ekonomiċi u r-relazzjonijiet kuntrattwali ta' l-USSR mal-Komunità se jittieħdu in konsiderazzjoni.

Fil-każ li, f'ċirkustanzi partikolari, b'riżultat ta' l-esportazzjoni mill-USSR lejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-tendenzi tas-suq jagħmluha neċessarja li titwaqqaf din il-prattika, l-USSR tkun informata b'dan l-effett mill-ewwel u tista' issir konsultazzjoni minn qabel jekk l-USSR titlob hekk.

Inkun obligat jekk int tikkonfermali li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej

B. *Ittra mill-USSR*

Brussel, 18 Diċembru 1989

Sinjur,

Għandi l-unur nirrikonoxxi l-irċevuta ta' l-ittra tiegħek li tgħid dan li ġej:

“Mill-bidu ta' l-1980, skema ġdida ta' l-importazzjoni mmirata għal-liberazzjoni sussegwenti (*Testausschreibung*) ġiet introdotta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tkopri kważi nofs il-prodotti industrijali li għadhom suġġetti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi (barra minn prodotti tad-drapp u ta' l-azzar). Din l-iskema tipprovdi bażi sperimentali u temporanja għall-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni 'l fuq u lil hemm mil-limiti stabbiliti bil-kwoti.

It-*Testausschreibung* hu intiż biex jippermetti stima, matul is-snin li ġejjin, tas-setturi li tagħhom jistgħu jitneħħew ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti industrijali. Matul l-eżami tar-riżultati tat-*Testausschreibung*, l-importanza partikolari li l-USSR taqqgħad mat-tkabbir ta' relazzjonijiet ekonomiċi u r-relazzjonijiet kuntrattwali ta' l-USSR mal-Komunità se jittieħdu in konsiderazzjoni.

Fil-każ li, f'ċirkustanzi partikolari, b'riżultat ta' l-esportazzjoni mill-USSR lejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-tendenzi tas-suq jagħmluha neċessarja li titwaqqaf din il-prattika, l-USSR tkun informata b'dan l-effett mill-ewwel u tista' issir konsultazzjoni minn qabel jekk l-USSR titlob hekk.

Inkun obligat jekk int tikkonfermali li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.”

Jien għandi l-unur nikkonfermalek li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern ta' l-Unjoni
tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti
